MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Numru 64/2009

Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)

Vs.

Massimo Zahra

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat, detentur tal-karta tal-identità numru 287171(M) akkuzat talli:

1. f’Jannar 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh

b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad-dannu ta' Gwido Vella Cash & Carry u ta' Farsons (Sales & Marketing) Limited.

Il-Qorti mitluba li fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Semghet l-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuza hi dik tat-truffa taht l-Artikolu 308 tal-Kap 9.

L-akkuzat irregistra ammissjoni f'din l-ewwel udjenza, liema ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizzjonata.

Stante din l-ammissjoni ssibu hati tal-akkuza kontrih dedotta.

Rat l-Artikolu 308 tal-Kap 9. tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap9 u tobbligah li jrodd lura l-import ta' Lm7500 (€17, 470) b'pagamenti ta' € 116 fix-xahar lil Guido Vella ghan-nom tad-ditta Cash & Carry bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard mill-ahhar ta' Mejju 2009.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------